**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 22**

**L-Erbgħa 15 ta' Ottubru 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier (18.00) |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier (17.40) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur Joseph Piscopo | Accountant |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**22.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**22.01.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab sabiex ikun skużat milli jkun fiżikament preżenti minn din is-seduta minħabba raġuni ta' xogħol. Il-Kunsillier Frederick Aquilina daħal onlajn għal din is-seduta. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**22.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 21)**

**22.02.01** Il-Kunsillier Matthew Spiteri għamel korrezzjoni għall-minuti, "**21.04.05.** Il-Kunsillier Matthew Spiteri qal li 21.04.05 trid titlaq kompletament.

**22.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, il-minuti ta' seduta **21** ġew approvati unanimament.

**22.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**22.03.01** *Installation, Removal & Rental of Christmas Street Light Decorations (2025):* Is-Sindku John Schembri ppreżenta kwotazzjoni lill-Kunsilliera preżenti rigward id-dekorazzjonijiet tal-Milied għal Ħal Luqa u Ħal Farruġ. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu u approvaw il-kwotazzjoni li kienet konformi mar-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill Lokali.

**22.03.02** *Kwotazzjoni għall-Uniformi għall-Haddiema ta' ġewwa:* Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat kwotazzjoni rigward l-uniformi għall-ħaddiema ġewwa l-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li din il-kwotazzjoni nġabet għaliex kien hemm bżonn ta' xi tibdil fl-uniformi għaliex biż-żmien u bl-użu li kellhom il-ħaddiema ma baqgħux puliti. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu u approvaw il-kwotazzjoni li kienet konformi mar-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill Lokali.

**22.03.03** *Catering għall-Attivita` Pink October 2025:* Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat lill-Kunsilliera preżenti li hija talbiet għal 3 kwotazzjonijiet għal catering tal-Attivita` Pink October, imma rċeviet tweġiba mingħand 2 biss. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li ntgħażlet l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża u li hi konformi mal-ħtiġijiet tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu u approvaw il-kwotazzjoni li kienet konformi mar-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill Lokali.

**22.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**22.04.01** Xejn

**22.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**22.05.01** Il-Kunsillier Matthew Spiteri ppreżenta 2 kwotazzjonijiet rigward il-kanċell taċ-ċimiterju ta' Wied il-Knejjes. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsillier Matthew Spiteri biex darb'oħra jinforma lill-Kunsill qabel forsi dawn il-fondi kienu jittieħdu minn xi skema. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo qal li jkun tajjeb li wieħed jistenna u tali fondi jittieħdu minn xi skema disponibbli. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li jagħżlu l-ewwel kwotazzjoni ppreżentata lilhom u approvaw il-kwotazzjoni li kienet konformi mar-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill Lokali.

**22.05.03** Il-Kunsillier Andrew Cassar informa lis-Sindku John Schembri li fi Triq Ġanni Vassallo hemm arblu li qed jiżgombra t-triq. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsillier Andrew Cassar li ħa azzjoni rigward dan l-arblu filgħodu stess wara li daħlu diversi rapporti l-Kunsill Lokali.

## 22.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**22.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti bil-każ ta' Community Worker li fl-aħħar ġimgħat kien hemm xi problemi ma' din il-persuna. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li, lil din il-persuna wissietha kemm -il darba sabiex tkun puntwali u li l-komportament tagħha xi drabi ma kienx xieraq għall-post pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li s-sitwazzjoni eskalat meta ntbagħatu xi messaġġi fuq Whats App mill-persuna kkonċernata u kellha tieħu azzjoni dwar dan. Il-persuna in kwistjoni ukoll uriet ix-xewqa tagħha li ma xtaqitx tibqa' taħdem il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa għal diversi raġunijiet.

Is-Sindku John Schembri qal li fuq xewqa tal-persuna kkonċernata, għandha ssir talba lill-kumpanija tal-Community Workers sabiex din il-persuna tkun trasferita f'post aktar adegwat għall-ħtiġijiet tagħha. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'sitt voti, u astensjoni waħda tal-Kunsillier Matthew Spiteri li astjena milli jivvota minħabba konflitt ta' interess, mal-proposta tas-Sindku għal trasferiment.

## 22.07 Korrispondenza

**22.07.01** Xejn

## 22.08 Quarterly Reports – Jannar – Settembru 2025

**22.08.01** L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Joseph Piscopo ppreżenta t-tielet Quarterly Report ta' bejn Jannar u Settembru 2025. Is-Sur Piscopo qal li għal darb'oħra l-Kunsill Lokali għamel surplus ta' €8,856. Is-Sur Piscopo kompla jgħid li kien hemm aktar dħul milli ħruġ, minkejja li f'dan il-Quarterly Report, inħarġu l-arretrati tal-ħaddiema u tal-Kunsilliera. Is-Sur Piscopo tenna li għad baqa' jsir ir-rimbors ta' €48,500 tal-vann tal-Kunsill. L-Accountant is-Sur Joseph Piscopo fisser li bħala spejjeż operattivi kien hemm il-Luqa Sajf Fest li ammonta għal: €15,881 u l-Attivita` ta' Ħal Farruġ li ammontat għal: €2,449.

## 22.09 Attivita` Pink October/Movember 2025

**22.09.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega kif nhar it-22 ta' Ottubru fis-18.30 fis-sala tal-Kunsill Lokali kienet se ssir diskussjoni u għarfien dwar il-kanċer tas-sider, sabiex titqajjem izjed kuxjenza dwar dan il-kanċer. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal lill-Kunsilliera preżenti sabiex iħeġġu lin-nies sabiex jattendu għaliex tkun ta' benefiċċju u titqajjem aktar kuxjenza.

## 22.10 Attivita` Milied 2025

**22.10.01** Is-Sindku John Schembri qal li bil-flus tal-Iskema li ngħata l-Kunsill Lokali għal din is-sena, il-ħsieb huwa li jsir tiżjin tal-Milied madwar Ħal Luqa u Ħal Farruġ. Is-Sindku John Schembri kompla jispjega li din is-sena l-Kunsill Lokali qabel li jinvolvi ż-żewġ baned. Is-Sindku John Schembri tenna li nhar il-21 ta' Diċembru, banda ta' każin minnhom tmur iddoqq Ħal Luqa, u kif tispiċċa l-ewwel banda, il-banda tal-każin l-ieħor tmur iddoqq f'Ħal Farruġ.

## 22.11 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

**22.11.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Anton Gatt, u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 22.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**21.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 112 ta' Novembru 2025, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 11 ta' Novembru 2025.**

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |